# Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta

## MIN AĦNA

Iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta huwa korp magħqud li għandu personalità ġuridika distinta. Iċ-Ċentru ġie mwaqqaf fl-1996 permezz tal-promulgazzjoni tal-Kapitlu 387 tal-Liġijiet ta' Malta u beda jopera f'Marzu tas-sena 2000. Il-funzjonijiet taċ-Ċentru huma stabbiliti fl-Artikolu 10 (1) tal-Att dwar l-Arbitraġġ u jinkludu l-promozzjoni ta' Malta bħala ċentru għall-arbitraġġ kummerċjali internazzjonali; li jipprovdi l-faċilitajiet meħtieġa għat-tmexxija ta' każijiet ta' arbitraġġ kemm domestiċi u anke dawk internazzjonali; li jinkoraġġixxi l-arbitraġġ bħala mezz ta' arranġament ta' tilwim u li jagħti pariri lill-Gvern dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam ma' arbitraġġ.

## L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-Uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2, Standards għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Pubbliku u l-Impjegati Pubbliċi.
- Il-lista tas-servizzi offruti tinsab fil-ħolqa li ġejja: *https://mac.mt/Home/AboutUs*

## X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATTJANA

Nipprovdu informazzjoni speċifika, ċara, u ħielsa minn lingwaġġ tekniku. L-informazzjoni kollha tingħata kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Aħna nimpenjaw ruħna li nwieġbu l-mistoqsija tiegħek fi żmien jum 1 tax-xogħol, jew skont il-perjodi ta' żmien stipulati fid-Direttiva 4-2.

### Meta tikkuntattjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'korteżija u rispett.

### Meta żżur l-Uffiċċji tagħna

L-Uffiċċji tagħna huma siguri u nodfa, madankollu minħabba limitazzjonijiet ta' aċċessibilità fl-uffiċċji tagħna, individwi bi sfidi ta' mobilità huma ġentilment mitluba jikkuntattjaw l-uffiċċju minn qabel sabiex jiġu offruti għażliet alternattivi ta' servizz, bħal għajnuna online. Il-ħin ta' stennija se jkun ta' madwar 20 - 30 minuta f' ċirkostanzi normali.

### Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien 1 jum tax-xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek.

### Appuntamenti

Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu provduti fi żmien 2 jumejn tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun fi żmien 5-7 ijiem tax-xogħol mid-data tat-talba. Madankollu, appuntamenti jistgħu jiddependu minn listi ta' stennija taċ-Ċentru u talbiet urġenti li jistgħu jingħataw prijorita'.

## RESPONSABBILTAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: Jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw il-ħaddiema b'korteżija u rispett. Iżommu mal-ħinijiet u l-appuntamenti allokati meta applikabbli.

## AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- Ikkuntattjana skont id-dettalji murija hawn: *info.mac@arbitration.mt*
- Permezz tas-Servizz.gov billi ċċempel fuq 153, jew online fuq *Issottometti ilment*

Il-kunfidenzjalità tiegħek tkun garantita. Tirċievi l-feedback tagħna fi żmien 2 jumejn tax-xogħol.

## KIF TIKKUNTATTJANA

- Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta, Palazzo Laparelli, 33 Triq Nofsinhar, Il-Belt Valletta VLT 1100, Malta
- Ħinijiet tal-Ftuħ Xitwa: (15 ta' Sett – 14 ta' Lulju): 08:00 – 12:30; 13:00 – 17:00
- Ħinijiet tal-'Cash Office' / Sottomissjoni tad-Dokumentazzjoni: 08:30 – 12:00; 13:30 – 16:30
- Ħinijiet tal-Ftuħ Sajf: (15 ta' Lulju – 14 ta' Sett): 07:30-13:00
- Ħinijiet tal-'Cash Office' / Sottomissjoni tad-Dokumentazzjoni: 08:00 – 12:00
- *https://mac.mt/*
- Sabiex jiġi ffaċilitat il-kuntatt mal-uffiċċju: *info.mac@arbitration.mt* - +356 2122 2557
- Permezz tal-midja soċjali: